MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 469/2006

Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal
Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet
ta’ Walter Cutajar u l-istess Walter Cutajar (Id. 130666M).

vs

Joseph Theuma.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu li dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-hsara li garrbet il-V.W. Golf numru VWG 378, bejn l-14 u l-15 ta’ Gunju 2005, rizultat ta’ loghob tan-nar, u qedin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas, in linea ta’ danni, l-ammont ta’ LM248.14 lil Untours Insurance Agents Limited nomine (in vista ta’ *comprehensive policy of insurance* favur Walter Cutajar) u Lm35 lil Walter Cutajar bhala *excess* fuq il-polza. Bl-ispejjes, komprizi

dawk ta' Lm11.80 ta' ittra, u bl-imghax minn-notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi (i) huwa mhux responsabbli ghall-hsara allegata mill-atturi ghax hu gab ruhu bil-prudenza u diligenza ta' '*bonus paterfamilias'*. Inoltre, fil-kuntest tal-agir tieghu, l-eccipjent kellu l-permessi rilaxxjati mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll gab ruhu skond il-ligi; (ii) konsegwentement fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi; (iii) ghalhekk ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-atturi; (iv) salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi. Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema' x-xhieda tal-P.S. 1141 Noel Tanti prodott mill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-attur Walter Cutajar

Sema' x-xhieda ta' l-Ispettur Carlo Ellul prodott mill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Joseph Theuma.

Sema' x-xhieda ta' Sarah Young prodotta mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Salvatore Sammut prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Borg prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi qedin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat responsabbli ghall-hsarat li garbet il-vettura tal-attur Walter Cutajar waqt li din kienet

ipparkjata f’wahda mill-*parking areas* tal-hotel Westin Dragonara, gewwa San Giljan, meta waqa xi nugrufun fuq l-istess vettura, mill-loghob tan-nar mtajjar mill-konvenut fil-vicinanzi. Dan in-nugrufun ikkaguna xi danni fl-ispray tal-vettura.

Is-socjeta’ attrici Untours Insurance Agents Limited hallset lill-attur Walter Cutajar id-danni minnu sofferti fil-vettura tieghu fl-ammont ta’ Lm248.14, u b’hekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu, u minn-naha tieghu l-attur Cutajar hallas l-*excess* fl-ammont ta’ Lm35. L-atturi ghalhekk qedin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi d-danni minnhom sofferti.

Illi in sostenn tat-talba taghhom l-atturi pproducew zewg xhieda membri tal-Korp tal-Pulizija li kkonfermaw ir-rapport li kien ghamel l-attur Walter Cutajar fl-Ghassa ta’ San Giljan wara li gara l-incident, u anki kkonfermaw illi dakinhar ta’ l-incident, l-konvenut kellu l-licenzji necessarji sabiex itajjar il-loghob tan-nar.

Fix-xhieda moghtija minnu, l-attur Walter Cutajar spjega li dakinhar ta’ l-incident, filghaxija huwa kien ipparkja l-karozza tieghu f’wahda mill-*parking areas* tal-hotel Westin Dragonara gewwa San Giljan, u kien mar jiekol f’wiehed mir-restaurants tal-istess hotel. Meta mar lura sab hafna tikkek zghar suwed fuq il-karozza tieghu liema tikek kienu harqu l-ispray tal-vettura. Ghalhekk mar jaghmel rapport l-Ghassa u sussegwentement kien skopra li dawn it-tikkek kienu gejjin minn hruq tal-loghob tan-nar li sar fl-istess *area* tal-hotel. Meta cempel lill-hotel sabiex jilmenta dwar dak li kien gralu, l-persuna li kellem qaltlu li dan ma kienx tort tal-hotel izda tort ta’ min kien responsabbli biex itajjar in-nar. L-attur Cutajar kien sewwa l-karozza tieghu u l-insurance kienet hallsitu l-ispejjes ta’ dan, filwaqt li huwa hallas l-*excess* fuq il-polza. Sussegwentement huwa halla f’idejn l-insurance tieghu sabiex jara min ghandu jfittex ghad-danni.

Minn-naha tieghu, l-konvenut spjega li huwa kien gie avvicinat minn certa Sarah Young, li xogholha huwa dak li torganizza t-tigijiet, u din talbitu sabiex jaghmel kaxxa

infernali twila xi minuta jew minuta w nofs ghal tieg li kien ser isir fil-Reef Club tal-hotel Westin Dragonara. Huwa accetta dan l-inkarigu peress illi dan kien proprju xogholu, u kien gab il-permessi necessarji minghand il-Pulizija sabiex ikun jista' jtella din il-kaxxa infernali dakinhar tat-tieg.

Skond il-konvenut, huwa mexa skond ir-regoli li kellu jsegwi sabiex ikun jista' jtella n-nar fil-gurnata in kwistjoni, u apparti li kien ottjena l-permessi necessarji, kien anki zamm id-distanzi legali 'l boghod mill-bini, liema distanzi jinsabu dettaljati fl-Avviz Legali 243 tal-1998. Ta' min josserva li dawn iz-zewg fatti ma gewx kontradetti fl-ebda stadju tal-kawza.

Ghalhekk, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha migbura, ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, mhuwiex car min ezattament ta l-istruzzjonijiet lill-konvenut dwar fejn kellu jarma x-xoghol tieghu. Skond il-konvenut, kienet Sarah Young stess li taghtu ghazla bejn zewg postijiet. Wahda minnhom kienet *parking area* fuq in-naha l-ohra tat-triq minn fejn kellu jsir it-tieg, u l-ohra kienet proprju fuq is-saqaf tas-sala fuq in-naha tal-Reef Club fejn kien ser isir it-tieg. Il-konvenut ghazel dik ta' l-ahhar, u cioe s-saqaf tas-sala ghaliex din kienet konformi mad-distanzi li kellu jzomm 'l boghod mill-bini u quddiemu kellu biss il-bahar. Di piu, l-mistiednin setghu igawdu mill-ispettaklu ahjar minn hemm. Dan gie kkonfermat mix-xhud Salvatore Sammut li kien il-persuna mqabbad mill-konvenut sabiex jghinu dakinhar ta' l-incident. Sammut xehed ukoll li Sarah Young kienet riedet illi l-loghob tan-nar jittella minn fuq is-saqaf tas-sala ghaliex hekk kien jigi jidher izjed.

Skond Sarah Young li kienet il-persuna li organizzat kollox u ordnat il-loghob tan-nar, hija ma ghazlitx il-post minn fejn dan kellu jsir, ghaliex skond hi din l-ghazla ssir mill-espert inkarigat, u cioe l-konvenut f'dan il-kaz. Hija stqarret li kienet staqsiet il-hotel u dawn qalulha li *parking area* partikolari kien gie rizervat ghal dan il-ghan.

Minn-naha tal-hotel Westin, ix-xhud Jonathan Borg xehed li meta jkun hemm talba sabiex isir xi loghob tan-nar fuq il-*premises* tal-hotel, huma jaraw li jkun hemm il-permessi kollha mehtiega u mbaghad jaghtu l-*go ahead* taghhom sabiex dan isir, izda ma jindahhlux fl-ghazla dwar minn fejn ghandu jittella n-nar.

Il-konvenut, fix-xhieda moghtija minnu, spjega li meta kien arma kollox qabel ma beda jtajjar in-nar kienu gew hdejh il-*security guards* tal-hotel u kienu raw li kollox kien sew u tawh il-*go ahead* biex itajjar in-nar. Oltre dan, meta l-konvenut wasal biex jibda jtajjar n-nar, kienu gew il-Pulizija hdejh, u l-konvenut talabhom biex izommu t-traffiku ghaddej mit-triq, kif fil-fatt hekk ghamlu. Wara li kien lesta kollox, kienet giet il-*night manager* tal-hotel u anki Sarah Young u t-tnejn kienu qalulu prosit u rringrazzjawh talli naddaf il-post warajh.

Fid-dawl ta’ dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li bhala espert fil-materja ta’ loghob tan-nar, il-konvenut uza l-prudenza mistennija minghandu fis-sens illi kellu l-permessi necessarji f’idejh, u zamm mad-distanzi imposti mill-ligi meta ghazel il-post minn fejn itella n-nar. It-Tribunal ma jarax li l-konvenut naqas b’xi mod milli jaqdi d-dmirijiet tieghu u skond hu, agixxa b’mod responsabbli. Ta’ minn jinnota li fl-ahhar mill-ahhar huwa kien qieghed itella n-nar fil-proprjeta’ ta’ haddiehor u hadd mill-*management* tal-hotel ma gie jghidlu li ma setax itella n-nar mill-post fejn kien arma kollox. Anzi kienu gew u tawh il-*go ahead* biex ikompli, u kienu anki gew jirringrazzjawh wara.

It-Tribunal jidhirlu li l-*management* tal-hotel kien ben konsapevoli tal-fatt li dakinhar tal-incident kien ser jittellla l-loghob tan-nar f’zona li hija proprjeta’ taghha stess. Ghalhekk kien interament kompitu tieghu li jara u jissalvagwardja l-interessi tal-klijenti l-ohra tieghu, billi per ezempju, jaghlaq certu *‘parking areas’* vicin ta’ fejn kien ser jittajjar in-nar sabiex jassigura li jigu evitati incidenti. Zgur li ma kienx kompitu ta’ konvenut li jiddetta x’kellu jaghmel il-*management* tal-hotel jew jindahal f’liema *parking areas* kellhom jinghalqu, specjalment meta dawn kienu izjed ‘l boghod mid-distanzi rikjesti mill-ligi.

Gjaladarba l-*management* ghazel li jhalli n-nies jipparkjaw fil-*parking areas* tieghu, u ma jaghmel l-ebda sinjal jew avviz li juri li kien ser jittella l-loghob tan-nar fil-proprjeta' tal-hotel, din ta' l-ahhar dahhlet responsabbli ghal kwalsiasi danni li setghu jinholqu b'rizultat ta' dan in-nuqqas.

It-Tribunal fil-fatt jidhirlu li l-atturi kienu wisq pronti li jaccettaw dak li kienu qedin jghidu l-*management* tal-hotel, u cioe li huma ma kellhom l-ebda responsabbilta' ghal dak li gara, u li r-responsabbilta' kienet kollha tal-konvenut. Wara kollox, meta l-attur Cutajar dahal jipparkja fil-proprjeta' tal-hotel, (u x'aktarx li hallas sabiex jipparkja hemmhekk), giet krejata relazzjoni diretta bejnu u bejn il-proprjetarji, u b'hekk bilfors kellu jfittex lilhom l-ewwel ghad-danni kagunati fil-vettura tieghu.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-hsara allegata mill-atturi, u li huwa gab ruhu bil-prudenza u diligenza ta' '*bonus paterfamilias',* u konsegwentement m'ghandux jigi kundannat ihallas l-ebda danni favur l-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u konsegwentement jichad it-talba attrici fl-intier taghha. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-atturi.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------